MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Numru. 392/2012

Il-Pulizija
(Sp Carlos Cordina u Sp Sylvana Briffa)
vs
Kersten Camilleri, iben Carmelo, imwieled Pieta' fl-1 ta' Awwissu, 1989, karta ta' l-identita numru 0356895(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-4 ta' April, 2012 għal ħabta tas-1.00 p.m. fi Triq Marina, Kalkara:
1. f'Malta xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
2. assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt/i f'Malta li għalihom hemm il-piena tal-priġunerija, u li ma kienux delitti taħt l-Att dwar l-istampa;

3. ġewwa l-Kalkara, f'xi ħin wara nofsinhar, ikkometta serq ta' Katina ta' kulur isfar, salib ta' lewn isfar, pendent ta' kulur isfar, kif ukoll ċurkett ta' kulur isfar minn fuq il-persuna ta' Iris Mizzi ta' 69 sena, liema serq hu aggravate bil-valur li ma jeċċedix l-€2,329.37 għad-dannu ta' l-istess persuna;
4. ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Iris Mizzi;
5. ikkometta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija fl-1 ta' Marzu, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
6. kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija fis-26 ta' April, 2007 fejn hu kien ġie misjub ħati ta' reat u liberat taħt kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin;
7. irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lir-rappresetant tal-Caritas fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata bil-problemi tad-droga li għandu l-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A, 49, 50, 221(1), 222A(1), 261(ċ), 262(1)(a), 267, 274(d) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u

tikkundannah għal piena ta’ għaxar xhur priġunerija. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta’ Marzu, 2012 u wara li rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali perjodu ta’ erba’ snin jerġa jibda jiddekorri mil-lum stess. Fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri. Tordna li l-imputat minnufih jibda jsegwi kors residenzjali għar-riablitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------